MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-12 ta' Frar, 2004

Citazzjoni Numru. 135/2003

**Citazzjoni numru 135/2003**

**Id-Dentist Dr Joseph Xuereb, l-Avukat Dr Joseph Ellis, Noel Scerri, l-Avukat Alfred Grech fil-kapacita taghhom personali kif ukoll bhala membri tal-Kumitat tac-Circolo Gozitano, l-istess Noel Scerri bhala Segretarju ta' l-istess socjeta'**

**-vs-**

**Roger Portelli kemm f'isimu proprju kif ukoll u jekk hemm bzonn bhala President tac-Circolo Gozitano**

**Il-Qorti;**

Rat ic-citazzjoni attrici li tghid illi l-esponenti fil-prezenti jiffurmaw quorum u l-maggoranza tal-kumitat tas-socjeta' Circolo Gozitano ta' 5, Triq Sir Adrian Dingli, Victoria.

Illi l-kumitat imsemmi kien iffissa d-data tas-seduta generali annwali ghat-tnejn ta' Novembru 2003, li minkejja xi rregolaritajiet fil-mod kif inharget l-agenda, saret fid-data u l-hin stipulat.

Illi fil-kors tas-seduta l-President, il-konvenut Roger Portelli, qajjem il-kwistjoni tal-validita' o meno ta' nomini ghall-elezzjoni tal-kumitat ghas-sena li gejja. Dan ghaliex certu George Vella kien accetta xi nomini u zammhom ghandu, George Vella sadanittant, kontra r-regoli ta' l-istatut, u kontra x-xewqa tal-maggoranza tal-kumitat appunta lilu nnifsu jew gie appuntat acting secretary, haga li la hi kuntemplata fl-istatut tas-socjeta' u lanqas setghet logikament issir, peress illi s-Segretarju debitament elett mis-seduta generali kien ghadu fil-kariga. Is-segretarju Noel Scerri fil-fatt ircieva nominazzjonijiet ghall-kumitat li fosthom hemm l-esponenti. Kien hemm opposizzjoni minn naha ta' diversi membri waqt il-laqgha li jigu kunsidrati nomini jekk mhux dawk li waslu ghand is-segretarju Noel Scerri fid-data stipulata.

Illi nqalghet konfuzzjoni u f'hin minnhom il-konvenut instema' jghid li qed jaggorna sine die, hareg 'il barra u mbaghad rega' dahal. Fuq suggeriment ta' Dottor Carmelo Galea membru onorarju ghal hajtu (Honorary Life Member) is-seduta giet aggornata sabiex il-kumitat jiddeciedi dwar il-kwistjoni tan-nomini. Dan in vista tal-fatt li sakemm ma jkunx hemm elett kumitat gdid il-kumitat jibqa' fil-kariga. Artikolu II (iii) ta' l-istatut jghid: "the Committee shall continue to hold office until a new Committee is elected". L-istess statut jghid li "Nominations for candidates for election as officers … and Committee Members shall be accepted from those members entitled to vote when the notice of meeting is issued and submitted in writing to the honorary Secretary

…..”  ghalhekk in-nomini li rcieva Noel Scerri s-Segretarju in kariga kienu dawk in-nomini validi.

Illi effettivament il-kumitat li tieghu l-esponenti huma membri ltaqa’ fis-6 ta’ Novembru 2003, ghal-liema laqgha kienu prezenti ukoll il-konvenut Roger Portelli u George Vella.  Il-kumitat b’maggoranza ta’ erbgha (4) kontra tnejn (2) iddecieda li jimxi skond ir-regoli ta’ l-istatut u ghalhekk dawk in-nomini li waslu ghand is-segretarju Noel Scerri kellhom jigu kkunsidrati bhala validi.  Il-konvenut u George Vella hallew il-laqgha.  Il-laqgha pero’ tkompliet peress li kien ghad hemm quorum u maggoranza tal-membri tal-kumitat, u giet konkluza regolarment.

Illi sussegwentement il-konvenut biddel ic-cwievet tal-bieb tas-sede tas-Socjeta’ fi Triq Sir Adrian Dingli u qed jeskludi l-access lil kulhadd inkluz lill-esponenti Noel Scerri li huwa s-Segretarju.

Illi barra minn hekk issa l-istess konvenut sejjah il-kontinwazzjoni tas-seduta generali ghal nhar il-Hadd 21 ta’ Dicembru 2003 u dana minghajr l-approvazzjoni tal-kumitat, anzi kontra x-xewqa tieghu, kif ukoll minghajr ma kkonceda t-terminu stipulat mill-istatut sabiex tissejjah seduta generali.

Illi oltre dan l-esponenti qeghdin jissuspettaw li l-istess konvenut sejjer iressaq biss ghall-votazzjoni n-nomini li waslu ghand George Vella u jeskludi lill-esponenti ghaliex huwa ovvju li l-operat tieghu huwa manuvrar sabiex jeludi r-rieda tal-kumitat legittimament elett u jevadi r-regoli ta’ l-istatut.

Illi r-regoli ta’ l-istatut qeghdin hemm sabiex jissalvagwardaw il-jeddijiet ta’ kulhadd sahansitra ta’ minoranza jew membru individwali kontra l-arruwenza u l-arroganza ta’ maggoranza li trid timponi ruhha u teskludi lil min ma jaqbilx maghha.  Infatti biex ir-regoli ta’ l-istatut jistghu jinbidlu jinhtieg maggoranza kwalifikata, u ghalhekk il-konvenut u min jappoggjah m’ghandhomx jithallew jimmanipulaw u jbiddlu dawn ir-regoli.

Illi qeghdha ssir dina l-kawza sabiex il-konvenut jigi mizmum milli jkompli ghaddej bl-irregolarita' tieghu minghajr ma jaghti kaz tar-regoli li suppost jirregolaw socjeta' civili bhal ma huwa c-Circolo Gozitano.

Talbu li din il-Qorti:

1. tiddikjara li l-esponenti huma u jibqghu (sakemm jigi elett kumitat gdid skond ir-regoli ta' l-istatut) membri tal-kumitat vigenti tac-Circolo Gozitano.

2. Tiddikjara li l-laqgha tal-kumitat tas-6 ta' Novembru 2003, kienet laqgha regolari skond l-istatut u ghalhekk id-decizjonijiet li ttiehdu fiha huma validi u jorbtu lill-istess kumitat u lis-socjeta' ai termini ta' l-istess statut.

3. Tinibizzi lill-konvenut sabiex ma jaghmel ebda laqgha generali annwali jew tkomplija ta' tali laqgha minghajr l-approvazzjoni tal-kumitat vigenti li tieghu l-atturi huma membri senjatament il-laqgha li giet avzata ghal nhar il-Hadd 21 ta' Dicembru 2003, kif ukoll xi laqgha fejn fiha ssir xi elezzjoni ghall-kumitat imsemmi b'xi nomini jekk mhux dawk li gew regolarment mghoddija lis-segretarju tas-socjeta' l-attur Noel Scerri, a tenur ta' l-istatut fuq imsemmi.

4. Tikkundanna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju jaghti kopja tac-cwievet tas-sede tas-socjeta' fin-numru 5 Triq Sir Adrian Dingli, Victoria, Ghawdex lil kull wiehed mill-attur, u fin-nuqqas tawtorizza lill-esponenti sabiex jisgassaw u jidhlu huma fl-istess sede okkorrendo permezz ta' perit nominad li jigi ghal dan il-fini nominat.

Bl-ispejjez u inluzi dawk tal-mandat ta' inibizzjoni fl-istess ismijiet li qed jigi pprezentat kontestwalment ma' dina c-citazzjoni u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni annessa debitament guramentata flimkien mal-lista tax-xhieda u l-lista tad-dokumenti.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa:

Illi hemm lok ghar-rikuza tal-Magistrat sedenti, billi dan diga' esprima ruhu dwar il-mertu ta' din il-kawza b'digriet tat-18 ta' Dicembru 2003 fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 71/2003 fejn cahad it-talba tal-konvenut odjern sabiex l-atturi jiltaqghu bhala kumitat sabiex jinterpretaw l-istatut - haga li tifforma l-mertu tat-talbiet ta' l-atturi - billi, skond l-istess digriet, ir-rikorrent ma kellux jedd prima facie, l-intimati ma kienux qeghdin jimmolestawlu xi dritt u di piu l-kumitat kien imwaqqaf bl-istatut tac-circolo u allura, skond l-istess digriet, kellu l-jedd suprem li jiddetermina min kellu jikkontesta l-elezzjoni.  Jekk il-konvenut lanqas ghandu jedd prima facie, u jekk l-atturi huma kumitat, inqas u inqas din il-Qorti kif ppreseduta sejra taghti xi ragun lill-konvenut ghax diga' espremiet ruhha mija fil-mija kontra tieghu, u b'hekk dan sejjer mcahhad milli jigi pprocessat minn tribunal imparzjali u li jkollu smiegh xieraq.

Bla pregudizzju ghall-premess, l-atturi ma jiffurmawx quorum tal-Kumitat, li jirrikjedi erba' membri, ghas-semplici raguni li bl-eccezzjoni ta' Dottor Ellis ma gewx eletti membri tal-Kumtiat skond l-istatut tac-circolo u allura m'ghandhom l-ebda dritt isejhu lilhom innifsihom quorum tal-Kumitat.

Illi bla pregudizzju ghall-premess, Gorg Vella gie nominat agent segretarju mill-Kumitat tac-Circolo u cioe' biex jaqdi l-funzjonjiet ta' Segretarju billi Noel Scerri, is-Segretarju, qal li ma kienx f'posizzjoni li jattendi iktar il-laqghat tal-kumitat.  Fl-istess kapaicta' ta' agent Segretarju Gorg Vella accetta n-nomini ghall-kumitat il-gdid.  Gialadarba l-

Kumitat, kif qed jghidu l-atturi, jinterpreta r-regoli, allura Gorg Vella, gialadarba inkarigat mill-Kumitat biex jaqdi l-funjzonijiet kollha ta' Segretarju, accetta validament in-nomini.

Illi dejjem bla pregudizzju ghas-suespost, kien proprju Gorg Vella li hareg l-avvizi dwar il-Laqgha Generali Annwali, fil-kapacita tieghu premessa. L-atturi accettaw li l-laqgha tissejjah minnu, u mhux mis-Segretarju, tant li attendew ghall-istess laqgha u rrikonoxxewha bhala valida, anke sussegwentement fic-citazzjoni taghhom. Ladarba accettaw li Gorg Vella seta' jsejjah il-laqgha, seta' ukoll jaccetta n-nomini.

Illi bla pregudizzju gha-suespost, il-Kumitat jista' jinterpreta r-regoli biss skond l-istatut u r-raguni, u dejjem jekk ma jkunx xolt kif fil-fatt huwa, u dan kemm skond l-istatut - li jistipula li l-mandat tieghu jitnemm f'Ottubru - kif ukoll permezz tal-laqgha generali. Dak li jridu jaghmlu l-atturi huwa abbuz sfaccat mill-poteri tal-kumitat a skapitu tal-membri tac-Circolo.

Illi di piu l-Kumitat en bloc fi kwalunkwe kaz intemmilhom l-inkarigu mill-membri a tenur ta' paragrafu IV vii ta' l-istatut (Dok RP-1).

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tieghu debitament guramentata flimkien mal-lista ta-xhieda u l-lista tad-dokumenti.

Rat l-istadju fejn waslet il-kawza;

Rat l-ahhar verbal taghha fejn halliet il-kawza ghad-decizjoni fuq l-ewwel eccezzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel eccezzjoni taqra kif ser jinghad:

“ illi hemm lok ghar-rikuza tal-magistrat sedenti billi dan diga’ esprima ruhu dwar il-meritu tal-kawza b’digriet tat-18 ta’ Dicembru 2003 fl-atti tal-mandat ta’ inibizzjoni numru 71/2003 fejn cahad it-talba tal-konvenut odjern sabiex l-atturi jiltaqghu bhala kumitat sabiex jinterpretaw l-istatut – haga li tifforma l-mertu tat-talbiet tal-atturi – billi, skond l-istess digriet, ir-rikorrenti ma kellux jedd prima facie, l-intimati ma kienux qeghdin jimmolestawlu xi dritt, u di piu’ il-kumitat kien imwaqqaf bl-istatut tac-Circolo u allura, skond l-istess digriet, kellu l-jedd suprem li jiddetermina min kellu jikkontesta l-elezzjoni. Jekk il-konvenut l-anqas ghandu jedd prima facie, u jekk l-atturi huma kumitat, inqas u inqas din il-Qorti kif ippreseduta sejra taghti xi ragun lill-konvenut ghax diga esprimiet ruhha mija fil-mija kontra tieghu u b’hekk dan sejjer jigi mcahhad milli jigi pprocessat minn tribunal imparzjali u li jkollu smiegh xieraq”

Illi ghalkemm l-inkartamenti tad-digriet li ghalih saret referenza fl-eccezzjoni ghadu mhux inserit f’dawn l-atti, l-implikazzjonijiet tieghu huma serji tali li jimminaw l-process gust u ekwu tal-gustizzja u jolqtu direttament il-principju li l-gustizzja mhux biss ghandha issir izda trid tidher li qeghdha issir.

F’din l-eccezzjoni qieghed jintalab r-rikuzazzjoni tal-gudikant sedenti.

Illi l-istitut tar-rikuzazzjoni jew astensjoni ta’ Imhallef jew Magistrat jinsab regolat bl-Artikolu 734 sa 741 tal-Kap 12. Ir-ragunijiet ta’ rikuzazzjoni jinsabu elenkati fl-Artikolu 735 u fil-gurisprudenza gie dejjem ritenut li dawn il-kazijiet huma tassattivi.

Illi l-kaz prezenti huwa wiehed atipiku u ghalkemm strettament ma jinkwadrax fl-incis (c) (ii) tac-citat Artikolu 734 din il-Qorti xorta hi tal-fehma li giet prekluza li tiddeciedi b'dik is-serenita' necessarja ghall-gudizzju gust u imparzjali.

Billi l-imparzjalita' taghha tpoggiet f'dubbju ma tarax alternattiva hlief minhabba c-cirkostanzi b'rispett ghal kull parti fil-kawza tilqa' din l-eccezzjoni, tirrikuza ruhha u tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni tal-kawza.

Tordna lir-Registratur ta dawn il-Qrati sabiex jassenja l-kawza u kull att relattiv skond il-ligi.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------